MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 486/1994/3

**Anthony Briffa f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Bathline Limited**

**Vs**

**Vincent Oliver Abela f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Laila Ceramics Enterprises Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut *proprio et nomine* huwa debitur ta' l-attur *proprio et nomine* ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm32,613.83), kwantu wiehed u tletin elf, tmien mija u

ghaxar liri u hamsa u tletin centezmu (Lm31,810.35) kapitali, u kwantu tmien mija u tlett liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm803.48) imghax bi tmienja fil-mija sal-31 ta' Marzu 1994, prezz ta' merkanzija minnu ordnata u lilu kkonsenjata;

Premess illi d-debitur huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut *proprio et nomine* m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti, a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u l-attur *proprio et nomine* ipprezenta affidavit anness ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A;

Premess illi l-konvenut *proprio et nomine* hallas permezz ta' cekkijiet li ma gewx onorati, u prospett ta' dawn ic-cekkijiet gie anness ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. B;

Premess illi l-konvenut *proprio et nomine*, interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 1994, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza kontra l-konvenut *proprio et nomine* bid-dispensa tas-smigh, a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* ghall-hlas tas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il lira Maltin, u tlieta u tmenin centezmu (Lm32,613.83) kwantu wiehed u tletin elf, tmien mija u ghaxar liri u hamsa u tletin centezmu (Lm31,810.35) kapitali, u kwantu tmien mija u tlett liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm803.48) imghax bi tmienja fil-mija sal-31 ta' Marzu 1994, prezz ta' merkanzija minnu ordnata u lilu kkonsenjata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Marzu 1994, u bl-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut *proprio et nomine*, u minghajr pregudizzju ghall-azzjoni kriminali spettanti kontrih;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ April 1994 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi fil-kwalita` tieghu personali, l-eccipjenti qatt ma kellu relazzjoni guridika ma' l-attur u konsegwentement ma ghandux jaghti lill-atturi. Jinghad ghal kull buon fini illi n-negozju mertu ta' din il-kawza jirrigwarda negozju li sar bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta;

2. Illi t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront ta' l-esponent kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Illi peress illi l-vertenza kienet bejn is-socjetajiet, l-attur *proprio et nomine* hareg impediment tas-safar illegali u vessatorju fil-konfront ta' l-eccipjenti, il-Mandat qed jigi attakkat u l-atturi qed jinzammu minn issa responsabbli ghad-danni;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *proprio* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ir-relazzjoni guridika hija bejn is-socjeta` "The Bathline Limited" u s-socjeta` "Laila Ceramics Enterprises Limited", filwaqt illi huwa minnu illi sar turnover sostanzjali bejn is-socjetajiet, il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huwa kontestat fis-sens illi qatt ma sar kontegg bejn is-socjetajiet;

2. Illi l-eccipjenti jghid illi huwa kemm-il darba talab statement lis-socjeta` attrici u dan qatt ma inghatatlu;

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph Bonello bhala perit komputista biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit nominat li tinsab a fol. 112 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 1999;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-kwestjoni involuta trid tigi ezaminata taht zewg aspetti, anke ghaliex l-attur *proprio et nomine* harrek lill-konvenut kemm personalment kif ukoll ghan-nom tas-socjeta` tieghu bl-isem Laila Ceramics Enterprises Limited;

In kwantu jikkoncerna lil din l-ahhar imsemmija socjeta` l-perit legali gustament ibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu preponderantement fuq ix-xhieda konfessata ta' l-istess konvenut fil-bidunett tal-proceduri bil-giljottina meta gie

prodott biex fit-termini tal-ligi "jissodisfa lill-qorti li hu ghandu eccezzjonijiet *prima facie* biex jopponi t-talba" (Artikolu 170(2), Kapitolu 12);

Proprju f'dik l-ewwel udjenza (fol. 12) huwa ammetta li "l-kumpanija nahseb li ghandha ttih between twenty-four u twenty eight, hu qed jitlob thirty two" (fol. 14);

Cionostante din l-ammissjoni, il-konvenut f'isem il-kumpanija jittrincera ruhu wara dawn l-obbjezzjonijiet:-

I. Li qatt ma nghata statement u qatt ma saru konteggi bejn is-socjetajiet. Ara eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol. 24 tal-process;

II. Li ma saritx prova, b'mod serju u regolari, ta' l-ammont dovut fuq il-bazi tal-fatturi prezentati - Ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut a fol. 92;

III. Fuq kollox, li hu qal dak id-diskors fuq accennat kif dirett mill-ewwel konsulent legali tieghu;

Fil-fehma tal-Qorti, il-perit gudizzjarju ghamel ezami akkurat u analitiku tal-provi prodotti mill-kontendenti. Essenzjalment, fir-rigward tal-obbjezzjonijiet surreferiti, illi l-attur *nomine* ipprova bl-ezebizzjoni tac-cekkijiet li baqghu dizonorati illi tassew l-ammont reklamat minnu kien ghadu dovut. Prova din li kif rilevat mill-istess perit legali ma giet bl-ebda mod kontraddetta jew kombattuta. Konsegwentement, l-istess bhal perit relatur il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-versjoni ta' l-attur kienet ferm aktar kredibbli u attendibbli minn dik tal-konvenut;

Il-konvenut ma jistax jistrieh fuq l-asserzjonijiet li ghamel meta f'nifs wiehed jghid li hu dovut tant u f'nifs iehor jghid li l-prova dwar l-ammont domandat ma kienetx wahda serja u regolari. Lanqas ma jista' jikkampa li hu dovut ammont inferjuri minn dak pretiz mill-attur meta lanqas eccezzjoni f'dan is-sens ma ndenja ruhu jissolleva;

Ghal kuntrarju l-Qorti hi konvinta illi l-perit legali wasal ghal konkluzjoni korretta li d-dokumenti ta' l-attur dwar l-

ammont dovut kienu dawk attendibbli. Dan mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mill-provi prodotti, kif fuq gja osservat;

Imbaghad, l-atteggjament addattat mill-konvenut fir-rigward ta' l-ewwel konsulent legali tieghu mhux biss hu nsostenibbli izda jimpingi wkoll u b'mod negattiv fuq il-kredibilita` tieghu. Dan apparti l-fatt ukoll, illi filwaqt li l-konvenut jirreferi bosta ghall-operat ta' uliedu, bhal xiri u mili ta' cekkijiet minnhom, hu stess, imbaghad, naqas li jipproducihom biex dawn jaghtu fidi lil dak minnu sostenut;

Valutati dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti ma ssibx raguni, la impellenti u lanqas konvincenti, li kapaci tikkonvinciha tvarja l-apprezzament tal-provi li wasal ghalih il-perit legali f'dan il-kuntest;

Issa l-meritu tal-kaz jipprezenta kwezit iehor, kemm fattwali kif ukoll legali, in kwantu jikkoncerna r-responsabilita` tal-konvenut personalment;

Fuq dan il-punt, dejjem fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (fol. 92) il-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li c-citazzjoni ma tikkontjieni l-ebda talba biex hu jigi dikjarat responsabbli personalment minhabba xi garanzija solidali jew prattikar ta' frodi. Fuq din it-tema u aspetti ohra konkomitanti ghaliha jamplifika akta tard f'nota ohra tieghu ta' Osservazzjonijiet (fol. 204) konsegwenti ghar-rapport peritali;

Kwantu jikkoncerna din il-materja din il-Qorti mhix ghal kollox konsona ma' l-opinjoni espressa mill-perit relatur illi l-fatt biss illi sar hlas da parte tal-konvenut b'cekkijiet mill-kont personali tieghu jew minn kont ta' kumpanija ohra, li mhix dik konvenuta, dan ghandu per se` u ghalhekk biss ifisser illi l-konvenut personalment assuma d-dejn tas-socjeta` konvenuta. Kif gustament rilevat mill-konvenut l-Artikolu 1148 (2) tal-Kodici Civili jikkontempla l-helsien mid-dejn tad-debitur bil-hlas effettwat da parte ta' terza persuna. Dan pero` hu hekk il-kaz sakemm ma jigix pruvat xort' ohra, u cjoe, li dik it-terza persuna (f'dan il-kaz il-konvenut personalment) kellha hi stess interess fl-

obbligazzjoni tad-debitur, ossija, fil-kaz kontemplat, is-socjeta` konvenuta;

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, ir-ricerka tar-responsabilita` personali tal-konvenut f'dan il-kaz, kapaci tinsilet minn dawn ir-riflessjonijiet rikapitulati mill-provi:-

I. Id-debiti tas-socjeta` konvenuta, kif ampjament rizultanti mill-process, kienu jithallsu b'cheques li kif fuq inghad, kienu minn kontijiet jew personali tal-konvenut jew ta' kumpanija ohra. F'dan il-kuntest il-konvenut ma ipprovax illi hu personalment jew il-kumpanija l-ohra tieghu, Armal Import & Export Limited, qatt ippretendew xi dritt ta' ripetizzjoni tas-somma mhallsa fl-interess tas-socjeta` konvenuta jew ghallanqas ghamel l-allegazzjoni li l-pagament kien qed isir b'donazzjoni. Dan ghaliex kif ritenut fid-decizjoni a **Vol. XVI P II p 308** u ribadit fis-sentenza a **Vol. XXX P I p 666**, "*dal pagamento fatto da un terzo <u>che non vi ha interesse</u> nasce a favore di colui che paga, un' azione per la ripetizione della somma pagata, salvo quando tale pagamento sia stato effettuato 'animo donandi'.*" Minn dan kollu ma jinghad xejn mill-konvenut u ma ngiebet l-ebda prova fuq daqshekk. Wiehed allura ghandu ragjonevolment jahseb li c-cekkijiet inhargu kif inhargu ghaliex kien hemm tabilhaqq interessament dirett mill-konvenut personalment fl-obbligazzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta;

II. Il-konvenut personalment kien l-uniku firmatarju tac-cekkijiet kemm jekk inhargu mill-kont personali tieghu kemm jekk mill-kont tal-kumpanija l-ohra fuq riferita. Din l-emissjoni tac-cekkijiet saret meta kien jaf li ma kienx hemm flejjes fil-kontijiet bankarji. U allura wkoll kien jaf li c-cheques mhux ser jigu msarrfa jew onorati mill-Bank. Dan il-fatt kien maghruf minn Louis Farrugia, l-accountant tal-kumpanija konvenuta. Ara xhieda tieghu a fol. 157;

III. Ma jirrizultax, mix-xhieda ta' l-istess accountant u l-provi l-ohra attendibbli illi x-xiri u l-bejgh, ghallanqas tal-merce akkwistata minghand l-attur, sabu posthom b'xi entrata fl-accounts jew fil-kotba tal-kumpanija konvenuta;

Hemm imbaghad fuq kollox id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta' Lulju 1998 (kopja esebita a fol. 178) li certament tindebolixxi d-difiza tal-konvenut;

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Paolo Abela -vs- Antonio Bonnici et noe**", Prim' Awla, 23 ta' Jannar 1958 illi "ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti.";

Dan l-insenjament jaghmel rikjam ghal dak traccjat fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar**", 1 ta' Dicembru 1955 fejn jinghad a propozitu dan:-

"Mill- principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta' l-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi ta' l-azzjoni simili ghandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk ta' l-azzjoni kriminali, anke *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita` taghhom u ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza ta' l-Artikolu 627(e) tal-Kap 12." F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (**Vol. VI P I p 143** u **Vol. XXVII P I p 617**)

Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero` hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12);

Difatti bhala proposizzjoni dottrinali rakkolta mil-**Laurent**, *"si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale*" ("**Carmelo Xuereb et -vs- Giovanni Micallef et**", Appell Civili, 26 ta' Novembru 1923;

Kemm mill-provi f'din l-istanza kif ukoll minn dak dezunt mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali jidher car illi l-agir tal-konvenut kien mahsub biex jeludi l-azzjoni tal-kredituri tal-kumpanija, fosthom l-attur. L-attijiet tal-konvenut, kif fis-sentenza penali ravvizat, kellhom jitqiesu illeciti u frawdolenti, mahsuba biex jingannaw u b'hekk jiddanneggjaw lill-attur. Taht din ic-cirkostanza l-Qorti takkolji b'favur ir-regola bazata fuq il-buon sens li tghid illi "*la frode non merita mai la protezione della legge*" (**Vol. XXVII P I p 725**);

Jirrizulta illi r-responsabilita` shiha ghal dik li hi l-gestjoni tal-kumpanija konvenuta kienet f'idejn il-konvenut, *qua "managing director"* taghha;

L-attur tajjeb jirrileva fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (fol. 700) illi fuq it-taghlim gurisprudenzjali akkolt f'bosta sentenzi, "id-direttur f'socjeta` hu meqjus bhala mandatarju tas-socjeta` fir-relazzjonijiet interni ma' dik l-istess socjeta` filwaqt li hu kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjeta` fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni. Minkejja din id-distinzjoni fil-prattika, anke mil-lat legali, ftit jista' jkun hemm divergenza bejn dawn iz-zewg tipi ta' rapprezentanza u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc fir-rigward tal-ligi applikabbli ghal rapprezentanza kummercjali. Ir-riferenza li jaghmel dan l-artikolu hi ghall-artikolu tal-ligi fil-Kodici Civili li jitratta l-Mandat (Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili)." - "**Dottor Anthony H. Farrugia *nomine* -vs- Vernie Carbone *nomine***", Appell, 30 ta' Mejju 2001;

Issa hu minnu li d-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV ta' l-1995 li jirrigwarda l-Kumpaniji huma mahsuba, senjatament l-Artikolu 137 tieghu, biex jizguraw li s-socjeta` taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi taghha fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilita` fit-tmexxija taghha. (Ara sentenza fl-ismijiet "**Catherine Galea -vs- Milica Micovic noe**", Appell, 19 ta' Novembru 2001;

B'danakollu ma hemmx dubju li f'certi determinati sitwazzjonijiet d-direttur ikun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delittwuz minnu stess kommess;

Dwar din ir-responsabilta tad-diretturi jinghad fil-**Palmer's** "Company Law" (21st Edition, 1968 page 572):

*"Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for it himself, and, nonetheless so, that he was acting as an agent or servant on behalf, and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of, fraud or any other wrong. The Company may also be liable but that does not exonerate the director ...";*

Din is-silta, citata wkoll mill-attur fl-imsemmija Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, kienet il-pern li fuqha l-Qorti ta' l-Appell Kummercjali iffondat id-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar 1977 fil-kawza fl-ismijiet "**John Bugeja -vs- Giuseppe Maria Vella Gatt *proprio et nomine***", u fejn ukoll il-konvenut gie ritenut personalment in kolpa ghall-atti frawdolenti versu l-attur;

Dan hu hekk il-kaz anke fejn id-direttur ma jikkommettix l-agir delittwuz personalment imma jippermetti lil haddiehor fil-kumpanija li jikkommettih. Dejjem kif isostni l-**Palmer**, "*a director who, whilst not committing a tort himself, has authorised, directed or procured the commission of a tort by his company may be personally liable to the victim of the tort even though he was not aware that the acts so authorised were tortuous or did not care whether the acts were tortuous or not*" *("Company Law", 24th Edition, 1987, pp 970 et seq.)*. Estratt dan mehud mid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-1 ta' Ottubru 1996 in re "**Victor Galea -vs- Marin J. Hili *nomine***");

Il-konvenut ma jistax jappilja ma' l-iskuzanti illi ghax ic-citazzjoni ma tikkontjeni l-ebda talba *ad hoc, ergo* dak

kollu fuq kommentat, ma jistax iservi biex isewwi dak li hu jiddefinixxi bhala d-difett primarju tac-citazzjoni;

Ibda biex l-azzjoni saret permezz tal-procediment sommarju specjali u fit-tieni lok il-premessi tac-citazzjoni huma cari u r-rabta bejniethom tissodisfa l-vot tal-ligi. Dan biex l-attur *proprio et nomine* jasal ghal domanda principali tieghu fil-kawza fejn fiha gie citat ukoll personalment il-konvenut. Tant dan hu hekk illi l-istess konvenut in veste personali hass li kellu jwiegeb b'eccezzjonijiet separati (fol. 20). Dan dejjem fuq l-assunt illi f'din il-kwalita` ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Relazzjoni din li, ghal kuntrarju, u kif fuq manifest, twieldet b'rizultat ta' l-agir illecitu ta' l-istess konvenut di fronte ghall-attur *proprio et nomine*;

Dan stabbilit, b'applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, jitqies in kolpa kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili). Aktar inciziv ghall-obbligazzjoni li titwieled mid-delitt hu l-Artikolu 1033 li ghal finijiet tal-htija d-danneggjant jirrispondi kull meta jaghmel jew jonqas li jaghmel, bil-hsieb jew minghajr hsieb, xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi;

Fil-kaz in ispecje xejn ma jiggjova lill-konvenut mill-provi akkwiziti illi jista' jinduci lill-Qorti ma tinkolpahx ghall-agir frawdolenti tieghu, li kif fuq muri, ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi. *Multo magis*, imbaghad, meta gja nstab fi htija f'sede ohra fuq l-istess fatti, meritu tal-kawza odjerna;

Il-partecipazzjoni tal-konvenut in vesta *proprio*, u fil-mod kif fuq imfisser, tirrendih certament responsabbli *in solidum* mal-kumpanija konvenuta. Din is-solidarjeta` twieldet *ex nunc* mill-fatt illecitu tieghu, li jfisser li kieku ried l-attur seta' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu, ipproceda kontra l-konvenut personalment gjaladarba dan, kif manifest, hu debitur *in solidum*. Ghax daqskemm is-socjeta` konvenuta ghandha titqies responsabbli ghall-hlas tal-merce konsenjata lilha, daqstant iehor il-konvenut personalment ghandu jirrispondi ghal dan l-istess hlas,

gjaladarba ghemilu pprecipita lezjoni ghad-drittijiet kreditrici ta' l-attur;

Dan huwa hsieb agguntiv ma' l-esposizzjoni tal-perit legali f'dan il-kuntest.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *proprio et nomine*, tilqa' t-talba attrici fl-ammont, kif ridott b'nota ntavolata fl-14 ta' April 1994 (fol. 18), ta' wiehed u tletin elf erba' mija tnejn u tletin lira Maltija, tlieta u disghin centezmu (Lm31,432.93);

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Laila Ceramics Enterprises Limited ihallas lill-attur *proprio et nomine* l-ammont fuq stabbilit, bl-imghaxijiet mit-8 ta' Marzu 1994, data ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut *proprio et nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------